

- 4) Il-fatt li l-Izba Dyscyplinarna [l-Awla Dixxiplinari] u t-Trybunał Konstytucyjny [il-Qorti Kostituzzjonali] ma jiggħarantixxu protezzjoni ġudizzjarja effettiva fid-dawl tan-nuqqas ta' indipendenza u tal-ksur ikkonstatat tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħatra tal-membri tagħhom huwa rilevanti għad-risposti għad-domandi magħmula iktar 'il-fuq?
-

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (L-Italja) fil-15 ta' Diċembru 2020 –
Unilever Italia Mkt. Operations Srl vs Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato**

(Kawża C-680/20)

(2021/C 79/28)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Unilever Italia Mkt. Operations Srl

Konvenut: Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato

Domandi preliminari

- Barra mill-każijiet ta' kontroll ta' kumpannji, liema huma l-kriterji rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk il-koordinazzjoni kuntrattwali bejn operaturi ekonomiċi formalment awtonomi u indipendent jagħti lok għal unità ekonomika fis-sens tal-Artikoli 101 u 102 TFUE; b'mod partikolari, l-eżistenza ta' ċertu grad ta' interferenza fl-għażiex kummerċjali ta' impriżza oħra, li tikkaratterizza normalment ir-relazzjonijiet ta' kollaborazzjoni kummerċjali bejn proddut u intermedjarji ta' distribuzzjoni, tista' tīgħi kkunsidrata bħala suffiċċenti sabiex wieħed jqis dawn l-entitajiet bħala li jappartjenu lill-istess unità ekonomika; jew għandu jkun hemm rabta "ġerarkika" bejn iż-żewġ impriżzi, li tista' tīgħi kkonstatata fil-preżenza ta' kuntratt li bis-saħħa tiegħu diversi impriżza awtonomi "jissottomettu ruħhom" għall-aktivitāt ta' direzzjoni u ta' koordinazzjoni ta' waħda minnhom, b'mod li l-Awtorità ta' kompetizzjoni għandha tipproċi l-prova ta' pluralità sistematika u kostanti ta' atti ta' gwida li jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ta' ġestjoni tal-impriżza, jiġifieri fuq l-ghażiex strateġiċi u operazzjonali ta' natura finanzjarja, industrijali u kummerċjali?
 - Għall-finijiet li tiġi evalwata l-eżistenza ta' abbuż ta' pożiżżjoni dominanti implementata permezz ta' klawżoli ta' esklużività, l-Artikolu 102 TFUE għandu jiġi implementat fi-sens li jeżisti għall-Awtorità ta' kompetizzjoni obbligu li tivverifika jekk l-effett ta' dawn il-klawżoli huwa li jeskludu mis-suq kompetituri daqstant effiċċi, u li tīgħi eżaminata b'mod dettaljal l-analiżi ekonomiku prodott mill-parti fir-rigward tal-kapaċċità konkreta tal-agħir inkwistjoni li jitkeċċew mis-suq kompetituri daqstant effiċċi? Jew, fil-każ ta' klawżoli ta' esklużività intiżi li jkeċċu jew ta' agħir ikkaratterizzat minn diversi prattiki abużivi (skontijiet ta' lealtà u klawżoli ta' esklużività), l-obbligu legali għall-Awtorità ta' kompetizzjoni li tapplika l-kriterju tal-kompetititur daqstant effiċċi biex tikkonsta ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni hija ineżistenti?"
-

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Latvja) fit-22 ta' Diċembru 2020 – SIA "DOBELES HES" vs Sabiedrisko pakalpojumu regulēšanas komisija, Ekonomikas ministrija, Finanšu ministrija

(Kawża C-702/20)

(2021/C 79/29)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Augstākā tiesa (Senāts).